# 1575: IL-MOSTA BI TNAX-IL KNISJA TAĦT IN-NAXXAR IMMA BLA KLERU U FI BŻONN KBIR TA' PARROĊĊA

*minn Alexander BONNICI OFM Conv., HED., S.Th.L., Ph.B.*



Fl-1575, Mons. Pietru Dusina żar il-Mosta uffiċjalment. Sabha tiddependi minn żewġ parroċċi - n-Naxxar u l-Mellieħa. Imma l-qagħda xejn ma kienet tajba. Dun Ġiljan Borg, il-Kappillan tan-Naxxar, lanqas biss ma kien jgħaddilu minn rasu li jċedi xi parti mit-territorju tiegħu biex tiġi fformata parroċċa ġdida. Ma kienx sejjer jirnexxilu jikkonvinċih lanqas isqof qawwi bħalma kien Tommaso Gargallo. L-unika tama kienet fil-mewt ta' dak il-kappillan.[1] Min-naħa l-oħra, l-parroċċa tal-Mellieħa kienet f'qagħda diffiċli ħafna, għax kienet saret parroċċa tal-isem biss.[2] Għalhekk dawk tal-Mosta ma setgħu jistennew xejn mill-Mellieħa.



*L-Isqof Fra Tommaso Gargallo (1578 - 1614) li fi żmienu, l-Mosta saret parroċċa.*

Hawn sejrin inħarsu lejn tnax-il knisja li kienu jiddependu min-Naxxar, u li l-ebda waħda minnhom ma kienet fi stat tajjeb. Imma kien hemm waħda li kienet ħafna aħjar mill-oħrajn, li flimkien ma' oħra, kienet iddedikata lil Santa Marija Assunta. Dusina, saħansitra sejħilha "knisja parrokkjali", li fil-fatt ma kenitx, anzi lanqas qassis ma kellha biex jieħu ħsiebha. Għax ma kienx hemm qassis wieħed fit-territorju tal-Mosta! L-iskomdu kien kbir ħafna għax il-Mosta ma kenitx moqdija tajjeb min-Naxxar, u l-problema ma kenitx il-bogħod, imma l-aktar minħabba l-fatt tat-triq imħarbta u mimlija ġebel li kien hemm bejn il-Mosta u n-Naxxar. Sejrin inħarsu lejn dawn il-knejjes u naraw li, minbarra fil-ġurnata tal-festa, fihom qatt ma kien isir quddies, mhux biss fost ix-xogħol iżda lanqas nhar ta' Ħadd. Għalhekk, pastoralment, il-Mosta kienet abbandunata, għalkemm il-popolazzjoni kienet qed tikber. Sejrin nimxu fuq l-ordni li żamm Mons. Dusina nnifsu, li kien ġej min-Naxxar u żar il-knejjes tal-Mosta. F'nofs il-viżta tagħhom, hu rritorna lejn in-Naxxar u mbagħad reġa' ġie l-Mosta. Kienet żjara ħafifa fit-30 ta' Jannar, 1575. Is-soluzzjonijiet li ttieħdu qatt ma kienu pastorali. F'post bla qassisin, l-unika ħaġa li seta' jagħmel Dusina, kienet li jordnalhom biex jirranġaw il-knejjes, fejn kien hemm xi renta marbuta magħhom.

## 1. IL-KNISJA TA' SAN MIKIEL

Kien għadu kif spiċċa l-viżta tiegħu fil-knisja f'ġieħ it-twelid ta' San Ġwann il-Battista fin-Naxxar, u l-ewwel knisja li Dusina żar fil-Mosta kienet waħda ċkejkna f'ġieħ San Mikiel. Kellha altar wieħed, iżda ma kellhiex la bieb u lanqas xi bżonn ieħor, u mis-saqaf kien iqattar l-ilma tax-xita. Leone Xerri kien jieħu ħsieb jiċċelebra quddiesa nhar il-festa, u Teramo Vassallo kien jieħu ħsieb quddiesa oħra. Imma lanqas għal dan ma kien hemm xi obbligu. Il-viżitatur ra li l-qagħda tal-knisja kienet kerha u ordnalhom li fi żmien xahar jagħmlu bieb tal-injam. Jekk ma jagħmluhx, jeħlu s-somma ta' għaxar skudi. Sakemm ma jsirx il-bieb, ma kellux jiġi ċċelebrat quddies iżjed hemm, u l-quddies ta' nhar San Mikiel kellu jsir fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar.[3]

## 2. IL-KNISJA TA' SANT'ANTON ABBATI

It-tieni knisja li Dusina mar fiha, kienet dik ta' Sant'Anton Abbati. Kellha altar wieħed u l-bibien jissakkru tajjeb, imma rettur li jieħu ħsiebha ma



*L-Arma ta' l-Inkiżitur, Mons. Pietro Dusina (1574 - 1575)*

kellhiex. Ma kienx hemm la paviment, la tiżjin u lanqas l-iżjed bżonnijiet essenzjali. Nhar Sant'Anton, Leone Xerri u Teramo Vassallo kienu jieħdu ħsieb li jsiru żewġ quddisiet. Lanqas għal dawn ma kien hemm xi rabta. Kien hemm ukoll ċertu Pietru Portelli, li kien jaħseb għal xi quddiesa oħra nhar il-festa. Dusina obbligahom isewwu l-paviment tal-knisja fi żmien xahar taħt penalita` ta' ħames skudi.[4]

### 3. IL-KNISJA 'PARROKKJALI' TA' SANTA MARIJA ASSUNTA

Kollox juri li din ta' Santa Marija kienet il-knisja ewlenija tal-Mosta. Mhux biss mhix ir-Rotunda ta' żmienna, iżda lanqas ma hi dik ta' Tommaso Dingli. Għalhekk din hi deskrizzjoni ta' knisja qadima ħafna, li f'għajnejn Dusina, dehret bħala 'knisja parrokkjali' ta' dik iż-żona, għalkemm nafu li parroċċa ma kenitx. Żgur li l-Kappillan tan-Naxxar qarras wiċċu quddiem dan it-titlu li Dusina taha. Anzi, fost il-knejjes kollha tal-Mosta, għal din biss Dusina qal li kien hemm numru ta' familji jiddependu minnha. Infatti kien hemm 116-il familja, u tinħass bħallikieku kienet il-viċi-parroċċa, għalkemm dan it-titlu ma jingħatalhiex. Kienet iddedikata lill-Assunzjoni tal-Verġni Marija, u dħul ma kellhiex ħlief dawk il-prodotti tal-għelieqi li l-poplu kien joffri lir-Rettur tagħha. Anke dan il-fatt juriha qisha parroċċa, iżda l-Kappillan tan-Naxxar kien iżomm li dak id-dħul kien tiegħu għax hu kien responsabbli minn dik il-knisja.
Rettur għaliha ma kienx hemm u f'dik il-qagħda ta' faqar li kienet fiha, ma seta' jkun hemm ebda piż għax ma kien jidħol xejn. Il-piż waħdieni kien iċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa nhar Santa Marija. Kienet knisja wiesgħa u kienu jieħdu ħsiebha. Għaliha, l-Viżitatur jgħid: "Hi deċenti mhux ħażin." Imma ma kienx hemm ħlief altar wieħed u l-paviment fi stat tajjeb, u kienet tissakkar sewwa. Il-knisja kien fiha altari oħrajn, iżda kienu żgħar ħafna, u quddies kien isir f'dak maġġur biss.[5]

### 4. IL-KNISJA TA' SAN LEONARDO

Dik ta' San Leonardo kienet knisja ċkejkna b'altar wieħed, u għalkemm kienet tissakkar tajjeb, paviment ma kellhiex. Lanqas Rettur ma kellha, infatti kienet nieqsa mill-bżonnijiet kollha. Ċertu Pawlu Borg kellu xi djar imissu magħha, u dawn kienu propjeta` ta' Franġiska Borg, mart Indri` Felici. Kien jingħad li Franġiska, meta ċediet dawk id-djar, obbligat lil Pawlu Borg biex jieħu ħsieb li jsir għasar u quddiesa nhar il-festa ta' San Leonardu. Obbligatu wkoll biex lill-knisja ma jħallihiex nieqsa mill-bżonnijiet tagħha u, jsewwi l-ħsarat li jkollha meta jkun hemm bżonn.[6]

### 5. IL-KNISJA TA' SAN ĠAKBU

Il-knisja ta' San Ġakbu ma kenitx aħjar mill-oħrajn, u għalkemm kellha altar u kienet tissakkar, ma kellhiex paviment, bla Rettur u nieqsa mill-bżonnijiet. Imma ċertu Ġakbu Borg kien jieħu ħsieb li fl-okkażjoni tal-festa, jsir għasar u quddiesa. Għal dan kien hemm l-obbligu (għalkemm għall-quddies biss), għax Ġakbu kien ġie obbligat minn missieru meta ħallielu biċċa art maġenb dik il-knisja.[7]

### 6. IL-KNISJA TA' SANTA KATARINA

Dik ta' Santa Katarina kellha altar wieħed u kienet tissakkar tajjeb. Imma lanqas hi ma kellha Rettur u kienet nieqsa mill-bżonnijiet u mingħajr paviment. Ċertu Franġisk Bartolo kien obbligat li nhar il-festa, jieħu ħsieb li jsir għasar u quddiesa. Dan kien mgħobbi wkoll bir-responsabilita` li jsewwi dik il-knisja għax kellu biċċa art maġenbha, u kien kollox reġistrat fl-Atti tal-Kurja tal-Isqof ta' Malta.[8]

Wara li żar din il-knisja, Dusina għadda għall-knejjes ta' l-Assunta u San Pietru u San Pawl fin-Naxxar. Imbagħad reġa' niżel lejn il-Mosta, biex mar f'dik ta' l-Annunzjata.[9]

### 7. IL-KNISJA TA' L-ANNUNZJATA

Din ta' l-Annunzjata kienet fil-qagħda tal-knejjes żgħar l-oħrajn. Għalkemm tingħalaq tajjeb, kellha altar wieħed, mingħajr Rettur, bla ebda renta u nieqsa minn kollox. Nhar il-festa kien isir għasar u quddiesa. Ċertu Ġanni Boagar kien obbligat għal dan għax kellu dar, li kellha fuqha dak il-piż, mogħtija lilu fil-Mosta stess.[10]



*Pittura antika ta' l-Annunzjata li tinsab fis-sagristija tar-Rotunda u li turi d-devozzjoni antika tal-Mostin lejn il-Madonna b'dan it-titlu. (ritratt: Al. Briffa)*

## 8. IL-KNISJA TA' SAN PAWL

Il-knisja ta' San Pawl kienet b'altar wieħed u kellha bieb tal-injam biex tissakkar. Imma kienet bla Rettur, mingħajr ebda dħul u piż, u nieqsa mill-bżonnijiet kollha. Ċertu Pawlu Cumbo kien jieħu ħsieb li jsir għasar u quddiesa nhar il-festa. Iżda veru obbligu ma kienx hemm u kien biss att ta' devozzjoni min-naħa tiegħu.[11]

## 9. IL-KNISJA TA' SAN NIKOLA

Fost il-knejjes kollha tal-Mosta, din ta' San Nikola kienet fl-agħar sitwazzjoni. Kellha altar wieħed, imma l-bieb ma kienx jeżisti iżjed, u d-daħla kienet imbarrata b'ħafna ġebel. M'hemmx bżonn ngħidu li ma kellhiex Rettur, ma kien hemm l-ebda renta, nieqsa minn kollox, u naturalment qatt ma kien jiġi ċċelebrat quddies fiha. Dusina ordna li tiġi meqjusa bħala profanata għax ma kien fadlilha xejn ta' knisja.[12]

## 10. IL-KNISJA TA' SANTA MARGERITA

Il-qagħda tal-knisja ta' Santa Margerita ma kenitx tajba, għalkemm lanqas kienet mgħarrqa għal kollox. Kien hemm altar wieħed, iżda nieqsa minn bieb biex tissakkar u bla Rettur. Ma kellhiex la piżijiet u lanqas renti, u nieqsa minn kollox. Madankollu Pietru Sillato, l-arġentier, kien obbligat li jieħu ħsieb li jsir l-għasar u quddiesa nhar il-festa. Dan għax kellu biċċa art marbuta b'dan l-obbligu mogħtija f'idejh, u kienet l-istess art li fuq parti minnha kienet mibnija l-knisja. Dusina ordna lil Sillato biex jieħu ħsieb jagħmel bieb tal-injam, u tah xahar żmien taħt penalita` ta' għaxar skudi. Sakemm ma jiġix sodisfatt dak l-obbligu, l-quddiesa u l-għasar kellhom isiru fil-knisja parrokkjali.[13]

## 11. KNISJA OĦRA F'ĠIEĦ SANTA MARIJA

Fil-limiti tal-Mosta kien hemm knisja oħra msemmija għal Santa Marija Assunta, li kienet abbandunata, għalkemm kellha altar wieħed u kienet tingħalaq. Ma kellha xejn mill-bżonnijiet tagħha, għax ma kienx hemm la renti li jidħlu u lanqas piżijiet li jtaqqluha. Fiha qatt ma kienet tiġi ċċelebrata xi quddiesa, u għalhekk nhar Santa Marija, l-poplu kien imur fl-oħra li kienet sejra ssir parroċċa.[14]

## 12. KNISJA OĦRA TA' SAN ĠAKBU

Din it-tieni waħda f'ġieħ San Ġakbu, kien fiha altar u bieb adattat. Imma ma kellha xejn iżjed: la Rettur, la renti, u lanqas piżijiet. Biss, ċertu Ġakbu Cumbo kien obbligat li jara li jsir għasar u quddiesa għal nhar il-festa, għax kellu xi artijiet fid-dawra maġenb il-knisja.[15]

Din kienet l-aħħar knisja li Mons. Dusina żar b'rabta mal-parroċċa tan-Naxxar, u kollox juri li l-qagħda xejn ma kienet tajba. Ma' l-ebda knisja ma jissemma li kien hemm saċerdot. Għalhekk, sakemm ma nqatgħetx minn man-Naxxar, il-qagħda spiritwali u pastorali tal-Mosta kienet fi stat ħażin ħafna. Imma ċertament li żminijiet aħjar kienu qed joqorbu.

***DOKUMENTAZZJONI:***


1. Ara Alex. Bonnici, "*In-Naxxar: l-eqdem parroċċa tal-Kampanja*", *Storja ta' Malta fi Ġrajjiet il-Knisja*, Rel. u Ħajja, 1995, p. 142; "Il-Mosta u l-Parroċċa f'ġieħ l-Assunta", *Ibid.*, pp. 118-121.
2. Ara Alex. Bonnici, "*Il-Mellieħa: Fid-Dawl ta' Ġrajjiet is-Santwarju u l-Parroċċa*", 1994, pp. 17-18.
3. Ara S. Franġisk, Rabat, *Copia Visitationis Apostolicae Melitensis Petri Dusina factae MDLXXV*, f. 81.
4. *Ibid.*, ff. 81-82.
5. *Ibid.*, f. 82.
6. *Ibid.*, ff. 82-83.
7. *Ibid.*, f. 83.
8. *Ibid.*
9. *Ibid.*, ff. 84-85.
10. *Ibid.*, f. 85.
11. *Ibid.*, ff. 85-86.
12. *Ibid.*, f. 86.
13. *Ibid.*
14. *Ibid.*, f. 87.
15. *Ibid.*